# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1184/97**

**Numru 26**

**Osea Micallef u b'digriet tas-16 ta' Marzu 1999 giet kjamata in kawza Helen Micallef**

**vs**

**Paul Micallef u b'digriet tas-16 ta' Marzu 1999 giet kjamata in kawza Carmen Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' seba mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm720) rappresentanti kumpens ghall-okkupazzjoni tal-garage 5, Block M, Triq il-Weghdiet, Laqxija, B'Kara u dana bir-rata ta' Lm120 fis-sena u dana mis-sena 1991. Prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut qed jokkupa l-istess garage minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 7 tal-atti) li biha ecepixxa:

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru billi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut huma t-tnejn mizzewgin.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi l-eccipjenti jokkupa l-fond msemmi taht titolu ta' sullokazzjoni kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Osea Micallef vs Paul Micallef Avviz Nru 133/93 decisa fid-9 ta' Novembru 1993. Ghalhekk huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur jekk mhux taht dan it-titolu.

3. Salv tal-eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 11 tal-atti u moghti fis-16 ta' Marzu 1999, li bih, bi qbil bejn il-partijiet gew kjamati in kawza il-konjugi rispettivi tal-partijiet, Helen Micallef u Carmen Micallef rispettivament mart l-attur u dik tal-konvenut.

Rat il-verbal a fol 16 tal-atti minn fejn jidher li l-attur informa lill-Qorti "li s-sorte thallas kollu izda mhux l-ispejjes" kif ukoll dak a fol 19 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, il-meritu ta' dan il-kaz jidher li gie esaminat u b'hekk jrid jigi deciz biss il-kap tal-ispejjes.

Ikkunsidrat

Illi jinghad, pero, illi l"garage" in kwistjoni jappartjeni lill-Gvern ta' Malta bl-attur jiddetjenih b'titolu ta' kera (ara fol 18 ibid).

Illi l-istess attur (fol 21 et seq ibid) xehed li hu ihallas kera ta' Lm120 lid-Dipartiment tal-Artijiet. L-istess attur kien "silef" lill-huh, il-konvenut odjern, l-istess "garage" bil-patt li dan "..... jokkupah sakemm jsib iehor pero meta sab iehor, hu ma ridx jitilqu".

Inoltre l-istess Dipartiment imsemmi kien ipproceda bil-Qorti, kontra l-attur odjern sabiex dan jhallas il-kera dovut minn "qua" inkwilin. Minhabba hekk, hu kien intavola din il-kawza skond l-avviz in esami. Inoltre l-attur xehed ukoll, testwalment, "Fil-fatt, b'sentenza tal-Qorti, il-"garage" inghata lil(l-) hija il-konvenut presumibiliment permezz tas-sentenza msemmija fl-eccezzjonijiet tal-konvenut u moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-istess ismijiet, u dan fid-9 ta' Novembru 1993. Fl-ahhar nett, l-attur xehed li

l-istess huh matul Frar 2000 kien tah il-flus ammontanti ghal Lm850 sabiex hu jkun jista' jhallas lid-Dipartiment tal-Artijiet "qua" kera dovut mill-attur.

Illi l-konvenut (fol 23 ibid) sempliciment spjega, kif, hu stess, kien jhallas il-kera lid-Dipartiment imsemmi stante li, b'xi mod, rasenti t-tpaccija altament informali, l-attur huh kien "tahuli" dejjem b'referenza ghal "garage" imsemmi fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, dwar il-kap tal-ispejjes jidher li l-ammont specifikat fl-avviz u dovut kif hawn premess kien thallas mill-konvenut lill-attur, wara li gie intavolat dan l-avviz u, konsegwentement, il-konvenuti ghandhom jbatu l-ispejjes kollha in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' dan il-kaz, il-Qorti tilqa' t-talba attrici in rigward il-kap tal-ispejjes u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi l-ispejjes kollha in konnessjoni ma dan il-kaz.

Alan Calleja
Dep.Reg